**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 28 – IT-TLIETA, 11 TA' OTTUBRU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| Assenti | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 27**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Il-Kumitat innota li ma kienx hemm risposta rigward is-surfacing tat-toroq Fikus u Ġojjin, kif ukoll mingħajr risposta għal talba għal-laqgha kif ukoll reminder għal din it-talba għal-laqgħa. Għandha tintbagħat reminder oħra.

2.2 Il-Kumitat innota wkoll li ma kienx hemm ebda risposta għal talba u reminder biex tiġi kkunsidrata speed camera fi Triq Birkirkara u Triq il-Ħida. Għandha tintbagħat reminder oħra.

2.3 Ġie innutat li twaħħlet mill-ġdid il-locality map li ġiet ivvandalizzata fi Triq Antonio Schembri.

2.4 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis fuq il-post mas-Sur Alfred Mangion u s-Segretarju Eżekuttiv.

2.5 Il-Kumitat innota li intbagħtet il-PO biex issir tabella ''No Heavy ''Vehicles''.

3.1 Il-Kumitat innota li tneħħew it-tabelli li kien hemm fil-parti t'isfel ta' Triq tas-Sliema, kif ġie mitlub, imma ma twaħħlux it-tabelli fil-parti ta' fuq biex jindikaw li m'hemmx aċċess għal Gżira u l-Imsida. Għandha tintbagħat reminder fuq din.

4.1 Ġiet innutata l-korrispondenza li kien hemm mal-Enemalta rigward il-problema ta' qtugħ ta' dawl fiz-zebra crossing ta' Triq Birkirkara u Triq Il-Qasab.

4.5 Intbagħtet l-applikazzjoni biex issir Charging point għall-karozzi li jaħdmu bid-dawl. Din l-applikazzjoni saret għal Triq il-Pitiross.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa li saret mal-Management taċ-Chiswisk House School. Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Stefan Bonello Ghio u s-Sur Alfred Mangion. Kien hemm qbil li l-ġenituri li jwasslu u jiġu għat-tfal għandhom ikunu aktar prudenti fejn jipparkjaw il-vettura tagħhom. Kien hemm qbil li s-service road tal-iskola ser terġa' tiġi miftuħa u għalhekk il-minivans m'għandhomx għalfejn jostakolaw garaxxijiet. L-iskola għandha tibgħat email lill-ġenituri biex titlobhom ikunu prudenti fil-konfront tal-ġirien. Għandhom isiru refreshing tal-marki tat-toroq fil-viċinanzi tal-iskola biex ikun hemm gwida aħjar fejn tista' tipparkja.

3.2 Kien hemm qbil li għandu jibda programm ta' refreshing tal-linji tat-toroq. Għandna nibdew bit-toroq Ħuttaf, Malvizz u l-Alwett. Għandha bżonn titnaddaf is-soft area ta' Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq tas-Sliema.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Il-Kumitat innota li saret mill-ġdid is-soft area fil-parti t'isfel ta' Triq Birkikrara u aktar tard dan ix-xahar għandi jibda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni mill-ġdid tar-round about fil-parti ta' fuq ta' Triq Birkirkara.

4.2 Ġie innutat li l-Junction Box fi Triq Birkirkara għadha pendenti.

4.3 Is-soft area fi Triq ir-Russett għadha bil-ħaxix ħiereġ minnha. Għandu jerġa' jiġi kkomunikat is-sid biex din titnaddaf.

4.4 Fi Triq il-Kuċċard u Triq il-Bilbla hemm xi siġar li għandhom bżonn żabra.

4.5 Ġiet innutata korrispondenza minn żewġ uffiċjali minn TM. Dawn qed jilmentaw li hemm żewġ siti ta' kostruzzjoni faċċata ta' xulxin fi Triq Birkirkara, fejn vetturi tal-kostruzzjoni qed jimblukkaw it-traffiku, speċjalment f'ħinijiet peak ta' filgħodu u wara nofsinhar. Qed jitolbu biex issir un/loading bay għal dawn il-vetturi. Il-Kumitat ma qabilx ma' din għar-raġunijiet li, din l-un/loading bay xorta ser tkun ta' ostaklu, il-ħinijiet jinkludu peak times, u din l-un/loading bay ser isservi għal sit waħda biss, għax is-sit l-ieħor qiegħda n-naħa l-oħra tat-triq.

4.6 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-ikla tal-Milied ser issir il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2016.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

Kurt Guillaumier
Segretarju Eżekuttiv

Stefan Bonello Ghio
Chairman